MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 322/2009

**Il-Pulizija**
**(Maggur John Engerer)**
**Vs**
**Carmvic (Carmel-Victor) Buontempo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' Anelika Turnkey Contractor Limited (C-29474) b'indirizz registrat 24, Triq Nikol Montebello, Qormi, Malta, w/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess socjeta' sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas l-ammonti segwenti :-

- Piesis Edgars – pagi fl-ammont ta' seba' mija w hamsa w tletin Euro w sitta w sebghin euro centezmu (€735.76) dovuti lil Piesis Edgars, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fil-31 ta' Dicembru, 2007 meta l-impjieg gie terminat;

- Abraham Tesfagabre Berhane – pagi fl-ammont ta' tmien mija w hamsa w tmenin Euro w sittax il-Euro centezmu (€885.16) dovuti lil Abraham Tesfagabre Berhane, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fid-9 ta' Jannar 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat;
- Gerald Buttigieg – pagi, notice, bonus u weekly allowance fl-ammont ta' elf, sitt mija w hamsa w sebghin Euro w sitta w hamsin Euro centezmu (€1675.56) dovuti lil Gerald Buttigieg, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fil-15 ta' Frar, 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat;
- Vincent Degiorgio – pagi, sahra, vacation leave, bonus u weekly allowance fl-ammont ta' elfejn, seba' mija w sebgha Euro w disgha w hamsin Euro centezmu (€2707.59) dovuti lil Vincent Degiorgio, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fit-18 ta' Frar, 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat;
- Roderick Azzopardi – pagi, notice, vacation leave, sahra w bonus fl-ammont ta' elf, tlett mija w sitta w erbghin Euro u tletin Euro centezmu (€1346.30) dovuti lil Roderick Azzopardi, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fl-20 ta' Frar, 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat;
- Simon Azzopardi – pagi, notice, vacation leave w bonus fl-ammont ta' elf, hames mija w tnejn u tletin Euro w sitt Euro centezmu (€1532.06) dovuti lil Simon Azzopardi, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fl-20 ta' Frar, 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat;
- Dominic Spencer – pagi, notice, vacation leave, sahra, bonus u weekly allowance fl-ammont ta' erbat elef u ghaxar Euro w sebgha w tletin Euro centezmu (€4010.37) dovuti lil Dominic Spencer, ex-impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, fit-3 ta' Marzu, 2008 meta l-impjieg tieghu gie terminat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 694 tal-Kap. 9 u l-artikolu 47 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssollevat il-preskrizzjoni ex officio w iddikjarat l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-

appellat bhala preskritta w konsegwentement illiberat lill-appellat mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 t'Awissu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tghaddi biex tiddeciedi l-appell skond il-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

- illi mill-interpretazzjoni tal-atti fil-process ta' din il-kawza, l-Ewwel Qorti ssollevat il-preskrizzjoni ex ufficio ghar-raguni li l-appellat ma kienx gie notifikat personalment u f'indirizz li ma kienx tieghu, liema fatt wassal ghall-konsegwenza li t-terminu tal-preskrizzjoni ai termini tal-ligi w cioe' ai termini tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 452 li jammonta ghall-perjodu ta' sena (1) mid-data tal-incidenti kollha, kien skada. Madankollu l-appellant unilment jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet errata meta wasslet ghal din il-konkluzzjoni u dan ai termini tal-applikazzjoni tal-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 452 u l-artikoli 691(1) u 693(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- illi jekk naraw l-akkuzi kif migjuba apparti mill-fatt illi jidher li l-inadempjenza tal-appellat kompliet fil-konfront tal-vittmi kollha f'dan il-kaz, nistghu nikkonkludu minghajr l-ebda diffikulta' li l-preskrizzjoni allavolja dik ta' sena ghandha tibqa' tapplika mill-ahhar ksur. Issa fil-kaz in ezami dan jitqies bhala tali jekk il-principal ikun naqas li jhallas il-pagi ecc. Matul il-perjodu preskrittiv ta' sena li effettivament sehh fil-kaz in ezami. Kwindi bl-interpretazzjoni tal-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 452 kif ukoll dik tal-artikolu 691(1) dan il-kaz indubjament iwassal ghal-reat kontinwat fl-interpretazzjoni moghtija ai termini tal-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 452;
- illi b'hekk jista' jinghad ukoll li f'kull wiehed mill-kazijiet indikati fl-akkuzi, w in vista tad-dicitura tal-istess artikolu 47(2), kien hemm gwadan minimu ta' sena

preskrizzjoni fuq id-data preskrittiva indikata fl-artikolu 47(1). Dan iwassal ghan-nuqqas ta' preskrizzjoni f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmija (l-iktar wahda antika taghlaq f'Dicembru tas-sena 2009) u b'hekk a bazi ta' dan l-argument, il-preskrizzjoni kienet ghada in vigore, meta l-Qorti sostniet li minhabba nuqqas ta' notifika, l-perjodu preskrittiv ta' sena kienet skadiet;

- illi l-Qorti indikat li n-notifika tal-appellat (allavolja kien prezenti fil-Qorti) ma kinitx wahda valida peress li hu ma giex notifikat fl-indirizz tieghu w lanqas ma giet notifikat hu personalment;
- illi jekk naghmlu referenza ghall-process ta' din il-kawza, jidher illi skond il-komparixxi n-notifika lill-appellat allegatament sehhet billi fis-27 ta' Novembru, 2008, gie notifikat membru familjari tal-istess appellant fl-indirizz tieghu (ta' missier l-appellant). Il-prosekuzzjoni ghamlet in-notifika b' tali mod peress li l-istess prosekuzzjoni kienet ghamlet diversi tentattivi sabiex tinnotifika w tirrintracca lill-appellant fl-indirizz fuq il-karta ta' identita' tieghu, liema tentattivi kollha fallew;
- illi fil-fatt sussegwentement irrizulta li l-indirizz tal-appellant skond il-karta ta' identita' tieghu w cioe' 24, Triq Nikol Montebello, Qormi huwa garaxx/mahzen li kien ghamel xi zmien mikri lill-appellat izda rrizulta li l-istess appellat kien tkecca minn dan l-indirizz. Madankollu huwa xorta zamm il-karta tal-identita' fuq dan l-indirizz, allavolja kien jaf ben tajjeb li jekk xi hadd kellu jipprova jirrintraccah f'dak il-fond, hu ma kienx jinstab;
- illi b'hekk l-appellat ikkawza ostaklu fil-konfront tal-Pulizija billi halla l-karta tal-identita' fuq l-indirizz tal-mahzen in kwistjoni w jista' kwindi jinghad illi hu kien qed jinheba mill-awtoritajiet sabiex ma jinstabx. B'rizultat, dan ikkawza li l-appellat qatt ma seta' jigi notifikat bl-iktar mod ideali w cioe' personalemnt u fl-indirizz indikat lilu peress illi hu kien effettivament tkecca minn hemmhekk. Kwindi l-appellant jissottometti illi in vista tac-cirkostanzi, tista' tapplika wkoll id-disposizzjoni numru 693(2);
- illi jidher ampjament car fic-cirkostanzi tal-kaz illi allavolja kien hemm referta posittiva fil-konfront ta' missier l-appellat u mhux tal-appellat personalment liema notifika allegatament sehhet f'indirizz differenti minn dak fejn kien

qed jirrisjedi l-appellat, jekk din il-Qorti kellha taqbel ma' l-Ewwel Qorti fis-sens illi din in-notifika mhijiex wahda valida, bl-applikazzjoni tal-artikolu 693(2), peress illi huwa car li l-prosekuzzjoni ghamlet tentattiv sabiex tinnotifika lill-appellat bic-citazzjoni debitament mahruga, liema appellat ma setaz jigi notifikat kif jixraq minhabba li bl-agir tieghu hu kien qed jinheba milli jinstab mill-awtoritajiet meta dan kien rikjest, it-tentattiv innifsu tan-notifika, li gie ppruvat mill-prosekuzzjoni, iwassal ghall-interruzzjoni taz-zmien preskrittiv. Kwindi anki jekk din il-Qorti kellha ma taccettax l-ewwel sottomissjoni tal-appellant, xorta wahda in vista ta' dan l-artikolu, jitqies li l-perjodu preskrittiv gie interrott bil-hrug tac-citazzjoni w ghaldaqstant il-liberatorja fil-konfront tal-appellat minhabba l-estinzjoni tal-proceduri ma' tistax tapplika;

- illi fit-tielet lok, il-fatt li li l-appellat personalment u effettivament deher waqt is-seduta tal-20 ta' Lulju, 2009, hija kontradittorja ghan-nuqqas ta' notifika valida kif indikata mill-Ewwel Qorti. Di piu' lanqas ma jista' jigi argument li l-kawza hija xorta wahda preskritta ai termini tal-artikolu 693(3) tal-Kodici Kriminali (l-perjodu preskrittiv jerga' jibda jiddekorri mid-data tal-interruzzjoni taghha), peress illi b'tali kalkolu jekk inqisu d-data tal-hrug tac-citazzjoni w cioe' d-19 t'Awwissu, 2008, jekk dan jizdied b'sena dan iwassal ghad-19 t'Awwissu, 2009. B'hekk il-prezenza tal-appellat waqt is-seduta tal-20 ta' Lulju, 2009 li hija wkoll id-data tas-sentenza appellata, kellha titqies bhala notifika valida w accettata ai finijiet u ghall-effetti kollha tal-ligi, peress li tali prezenza sehhet fil-perjodu preskrittiv u skond il-ligi w b'hekk interrompiet l-istess;
- illi l-appellat gie debitament notifikat fit-terminu preskritt skond il-ligi w kwindi din ghandha titqies bhala notifika valida fl-interita' taghha w b'hekk l-akkuzi ma gewx preskritti f'ebda mod. Apparti mir-ragunijiet hawn fuq imsemmija w minghajr pregudizzju ghalihom kollha, dan huwa iktar indikattiv mill-fatt li l-appellat effettivament deher il-Qorti nhar l-20 ta' Lulju, 2009, u l-prezenza tieghu hija konferma tan-notifika li effettivament saret fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat ir-Risposta bil-miktub tal-appellat tas-16 t' Ottubru, 2009.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jittratta biss il-kwistjoni ta' natura legali jekk l-azzjoni penali f' dan il-kaz hix preskritta jew le.

Illi l-Ewwel Qorti li qajjmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *"ex officio"* ma jidhrix li mmotivat din id-decizjoni taghha fis-sentenza nnifisha w qalet biss li kienet qed tissoleva l-preskrizzjoni ex officio u tiddikjara l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat (appellat) bhala preskritta w *"konsegwentement tillibera lill-imputat mill-istess akkuza"*. Proprjament u ghall-precizjoni ghandu jigi osservat li jekk stess l-azzjoni kienet verament preskritta, l-ewwel Qorti kellha tiddikjara l-azzjoni penali estinta bil-preskrizzjoni w mhux tillibera lill-appellat mill-akkuza kif effettivament ghamlet.

Fil-verbal registrat fl-udjenza tal-20 ta' Lulju, 2009, quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 5) insibu l-kliem testwali:-

*"Tiddikjara li l-imputat ma giex notifikat skond il-ligi stante li mir-riferta jirrizulta li effettivament gie notifikat huh fl-indirizz li jirrisjedi hu l-imputat u mhux l-imputat."*

*"Il-kawza giet deciza."*

Minn fejn l-Ewwel Qorti rrizultalha dan il-fatt ma johrogx car mill-atti ghax ma jirrizulta li xehed hadd biex jaghmel il-prova fejn joqghod l-imputat appellat u fejn joqghod huh. Dan sakemm l-Ewwel Qorti ma strahitx fuq xi allegazzjoni mhux guramentata jew fuq il-karta tal-identita' tieghu.

Issa f' dan il-kaz l-akkuza tirriferi ghal nuqqas ta' hlas ta' pagi, *bonus, weekly allowance vacation leave* u *notice* dovuti lil seba' impjegat, meta gie terminat l-impieg

rispettiv taghhom f' dati li jvarjaw bejn il-31 ta' Dicembru, 2007 u t-3 ta' Marzu, 2008.

Mill-original tal-komparixxi (fol. 1) jidher li din harget fid-**19 t' Awwissu, 2008**, u cioe' sew entro l-periodu ta' sena preskrittiv applikabbli f' dawn il-kazijiet u l-appellat kellu jidher quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008. Pero' ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-atti processwali ma jidher li sar xejn f' din id-data. Mir-riferta esebita a fol. 6 jirrizulta li c-citazzjoni giet notifikata lid-***"Daddy Mario Buontempo***" fl-indirizz Rose, Triq Mimosa , Hamrun, fis-27 ta' Novembru, 2008.

Fl-ewwel udjenza li taghha jinstab verbal u cioe' dik tal-4 ta' Marzu, 2009, u meta l-appellat ma deherx quddiem l-Ewwel Qorti, gie verbalizzat li :-

*"Il-Prosekuzzjoni hija sprovvista mir-riferta in kwantu jirrigwarda l-imputat."*
*"Il-Kawza differita ghat-13 ta' Mejju, 2009."*

Fit-13 ta' Mejju, 2009, pero' ma sar xejn ghax b' ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghall-20 ta' Lulju, 2009.

F' din l-ahhar data, deher l-appellat u l-Qorti iddikjarat li l-imputat ma giex notifikat skond il-Ligi stante li mir-riferta jirrizulta li effettivament gie notifikat huh fl-indirizz li jirrisjedi hu l-imputat u mhux l-imputat u ddecidiet il-kawza konformement wara li ccitat l-artikoli 694 tal-Kap. 9 u 47 tal-Kap. 452.

Ikkonsidrat;

Issa kull ma jghid l-artikolu 694 tal-Kap. 9 hu li l-Qorti tista' tapplika l-preskrizzjoni *"ex officio"*. L-artikolu 47 (1) tal-Kap. 452 jiddisponi li procedimenti ghal reat skond dak l-Att jew skond xi regolamenti jew ordnijiet maghmulin tahtu jistghu jimbdew f' kull zmien fi zmien sema mill-ghemil tar-reat. Is-subartikolu (2) mbaghad jghid li fejn ir-reat jirriferi ghal nuqqas mill-principal li jhallas il-paga lill-impjegat jew in-nuqqas li jaghti vaganzi bi hlas, eccetera, r-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-principal ikun naqas li jhallas il-

pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-periodu tal-preskrizzjoni.

Issa fil-kaz ta’ reat kontinwat, l-artikolu 691 (1) tal-Kap.9 jiddisponi li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi. Kwindi f’ dan il-kaz ladarba l-ahhar ksur tal-ligi fil-kazijiet tas-seba’ impjegati rispettivi sar bejn il-31 ta’ Dicembru, 2007 u u t-3 ta’ Marzu, 2008, skond il-komparixxi, l-preskrizzjoni kienet twaqqaf l-azzjoni kriminali fil-31 ta’ Dicembru, 2008 fl-ewwel kaz u fit-3 ta’ Marzu, 2009 fl-ahhar kaz.

Kollox ghalhekk f’ dan il-kaz jiddependi mill-validita’ o meno tan-notifika li saret fis-27 ta’ Novembru, 2008 skond ir-riferta a fol. 6 tal-process. Illi appropozitu l-artikolu 362 (1) tal-Kap.9 jiddisponi li c-citazzjoni ghandha tigi notifikata billi **<u>tinghata f’ idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka,</u>** u jekk din il-persuna ma tkunx tista’ tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha **<u>tithalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqghod</u>** u, f’ kull kaz, l-ufficjal esekutur ghandu jaghmel rapport ta’ dan lill-Qorti.

Issa skond il-karta tal-Identita’ tal-appellat, ghall-inqas mill-11 ta’ Novembru, 2008, l-indirizz tal-appellat kien u ghadu proprju fi 24, Triq Nikol Montebello, Qormi. Ghalhekk in-notifika li saret fis-27 ta’ Novembru, 2008, f’ idejn missieru Mario Buontempo fl-indirizz Rose, Triq Mimosa, Hamrun, ma giex pruvat li saret fid-dar fejn is-soltu joqghod l-appellat u kwindi kienet nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Mill-atti processwali ma jirrizulta ebda tentattiv iehor ta’ notifika qabel ma ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni f’ kull kaz individwali ta’ kull impjegat rispettiv u cioe’ l-ewwel wiehed sal-31 ta’ Dicembru, 2008 u fil-kaz tal-ahhar wiehed sat-3 ta’ Marzu, 2009 u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet pjenament korretta meta ddikjarat l-azzjoni preskritta.

Il-fatt li mbaghad l-appellat deher quddiem l-Ewwel Qorti fl-udjenza tal-20 ta’ Lulju, 2009, bl-ebda mod ma jista’ jigi interpretat bhala li rrinunzja ghall-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni ghax skond l-artikolu 694 tal-Kodici Kriminali l-imputat ma jistax jirrinunzja ghaliha.

Is-sottomissjoni tal-appellant li l-preskrizzjoni giet interrotta bil-hrug tac-citazzjoni fid-19 t'Awwissu, 2008 hija ghal kollox zbaljata legalment ghax skond l-artikolu 693 (1) *"z-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b' kull att tal-procediment **li jigi innotifikat lill-imputat jew akkuzat** dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat."* U, f' dan il-kaz, kif irrizulta, ma giex notifikat skond il-ligi w entro t-terminu tal-perijodu preskrittiv.

Illi lanqas ma rrizulta li tul il-perijodu tal-preskrizzjoni l-appellat kien inheba jew telaq minn Malta, f' liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni kien ukoll jinkiser skond l-artikolu 693 (2) anki jekk ic-citazzjoni tkun baqghet bla effett ghal xi wahda minn dawn iz-zewg ragunijiet.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J.) fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joe Scicluna"** ( [27.4.2000]; Kollez Vol. LXXXIV , p. iv. p.228), meta cahdet appell tal-Avukat Generali simili, ghall-finijiet tal-artikolu 693 (2) tal-Kodici Kriminali sabiex mandat t' arrest (f' dal-kaz kienet citazzjoni ) ikollu l-effett tal-ksur tal-preskrizzjoni, jrid ikun esegwit posittivament billi l-imputat ikun gie nnotifikat bih, assumendo dejjem li l-imputat ikun baqa' Malta u sakemm ma jigix ippruvat mill-prosekuzzjoni li ma setghetx tinnotifikah ghaliex irrizultalha li kien qed jistahba jew li telaq minn Malta. Mhux bizzejjed ghalhekk li l-prosekuzzjoni tghid u tallega li l-imputat ma setax jigi nnotifikat ghaliex ma nstabx, u dana minghajr lanqas biss almenu tressaq xi prova guramentata biex turi **ghaliex** ma kienx instab. (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti.) (ara wkoll f' dan is-sens l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Patrick Cole**" [19.10.2006])

Ghalkemm hu minnu li l-appellat donnu ghandu t-tendenza li jaghmilha difficli li jigi notifikat b' xi att tal-procediment kif anki sar quddiem din il-Qorti meta l-Marixxalli ppruvaw jinnotifikawh bl-atti ta' dan l-appell, din il-Qorti, ghax hadet il-kaz bis-serjeta, rmexxilha

tinnotifikah, tant li deher quddiemha fl-udjenza tal-15 t' Ottubru, 2009. Ghalhekk, bl-istess mod, ma kienx impossibbli ghall-Pulizija – kieku verament riedet – li ssib lill-appellat u tinnotifikah regolarment u skond il-ligi bic-citazzjoni fil-periodu bejn id-19 ta' Awwissu, 2008 u d-dati li fihom skada l-periodu preskrittiv fil-kaz tal-impjegati rispettivi kif fuq intqal. Hekk sar meta, fuq insistenza w ordni ta' din il-Qorti, l-Pulizija impenjat ruha bis-serjeta'.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata, b' dana biss li tiddikjara li l-azzjoni penali ghandha tigi dikjarata estinta minnhabba l-preskrizzjoni u mhux li b' hekk l-appellat kellu jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------